# 35. L-Artisti tan-Natura

L-artisti tan-Natura ta’ kull fehma
u ta’ kull stil, u jagħżlu l-forom kollha;
il-kotra tad-disinni ta’ kull sura
ma tintemm qatt.

Hemm min iħobb stil għoli fl-iskultura,
bħal dak li naqqax wiċċ l-iljun u xuxtu,
il-ġisem u s-saqajn u d-denb taż-żiemel
għaddej fil-ħarba.

Hemm min iħobb stil goff bħal dak li sawwar
is-sieq tal-iljunfant u t-tromba tiegħu,
ġisem l-ippotatam u tal-balena,
għonq il-ġiraffa.

Hemm min iħobb ir-rakkmu u l-bizzilla
bħal dawk li ħadmu l-fjur taċ-ċinerarja
u l-mantar tal-faġan mal-art jitkaxkar
bħal tal-għarusa.

Hemm min hu delikat bħal dak li sawwar
il-ħaruf abjad u l-ħamiem tal-kina,
il-lajma tal-bebbux u l-warda safra
f’wiċċ il-għadira.

Hemm min iħobb idiehex bħal min għamel
l-alligatur u l-kukkudrill fix-xmajjar,
is-sejf ta’ dar il-bonn u l-qrun imdawwar
ma’ ras il-buflu.

Hemm min iħobb il-kruha bħal min fattar
wiċċ il-babuna u l-geddum tal-ħnieżer,
is-sura tal-qanfud u tal-ekidna,
u wiċċ il-kokka.

U fl-aħħar nett hemm min fil-burlesk jehda
bħal dak li ħażżeż id-disinn tal-platpu:
ras ta’ gendus, geddum ta’ papru, taħsbu
karikatura.